Minuti tal-laqgħa numru erbgħa u ħamsin (54) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar it-Tlieta, 18 ta' Ottubru 2022 fis-6.00pm fl-Uffiċċju Muniċipali, 34, Triq Inguanez, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Sur Alexander k/a Sandro Craus | Sindku |
| | Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Sur Christopher Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Sa Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| SKUŻATA | Sa Janice Busuttil | Kunsillier |

54.01 **Talba u ittri ta' Apoloġija.** Talba u ittri ta' apoloġija

Il-laqgħa kienet ippreseduta fil-bidu mill-Viċi Sindku, s-Sur Matthew Chetcuti u kif daħal is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, kienet ippreseduta minnu. Is-Sa Janice Busuttil infurmat lis-SE illi weġġgħet ideja u ma setgħetx tkun preżenti. L-apoloġija kienet milqugħa unanimament. Ittri ta' apoloġija aktar ma kienx hemm. Il-membri preżenti qalu t-talba flimkien.

* **Laqgħa mal-Island Car Club** Hill Climb fil-Baħrija mill-ICC

Il-laqgħa kienet sospiża għaliex kienu mistiedna l-membri tal-*Island Car Club* fejn dawn urew ix-xewqa illi jiddiskutu l-proposta tagħhom biex ikun hemm *Hill Climb* fil-Baħrija, f'Tar-Ruub. Il-membri preżenti qablu unanimament illi jkun hemm din l-attività għaliex din se tippromwovi r-Rabat, mhux se tkun ta' ostakolu għar-residenti, u jekk tinżamm meta jkun magħluq l-istaġuni tal-kaċċa u l-insib, peress li din se tinżamm nhar ta' Ħadd, lanqas se jinħoloq inkonvenjent lilhom.

54.02 **Minuti** Minuti 53

Il-minuti tas-seduta tlieta u ħamsin (53) kienu mgħoddija lill-kunsillieri minn qabel u dawn kienu meħuda bħala moqrija. Dawn kienu proposti mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus li daħal fis-18:50 għal-laqgħa u issekondati mis-Sa Doris Coleiro u ġew approvati unanimament b'korrezzjoni żgħira f'punt numru 53.04 fejn iddaħħlu l-kelmiet 'qabel li' bejn 'Il-Kunsill Lokali Rabat' u 'se jissottometti din l-applikazzjoni', fl-ewwel vers, u tinqata' l-kelma 'soqfa tas-' mit-tieni vers.

54.03 **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 340 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 59** Ċedola tal-pagamenti u dik tax-xiri u ordnijiet

Kienu approvati iċ-ċedola tal-pagamenti numru 340 u dik tal-*Works/Purchase Orders* numru 59 b'vot unanimu.

54.04 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

54.04.01 Dwar il-piżijiet żejda li daħal għalih il-KLR biex jibqa' jinġabar il-ħġieġ nhar l-ewwel u it-tielet ġimgħa tax-xahar wara li l-kumpanija *Greenmt* ma baqgħetx tiġbru hija mingħajr ħlas, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab illi ssir laqgħa bejn is-CEO tal-Greenmt u r-rappreżentanta tal-ERA li kienet attendiet għal-laqgħa fil-Muniċipju tagħna diversi ġimgħat ilu biex din id-diffikultà tiġi riżolta. Ġbir ta' ħġieġ bieb bieb

54.04.02 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab biex issir talba permezz ta' ittra fejn fiha jiffirmaha ukoll l-avukat tal-Kunsill, Dr Richard Sladden biex nitolbu li Vjal il-Ħaddiem tkun ikklassifikata minn Transport Malta fil-kategorija ta' toroq Arterji/Distributorji. Vjal il-Ħaddiem

54.04.03 Is-Sur Norbert Grech tkellem dwar l-isfrundar tat-triq u l-ħajt (*retaining wall*) tad-Dwejra. Hu bagħat *e-mail* bir-ritratti li kienet esebita fuq l-*iscreen* dak il-ħin stess mis-SE. Kien deċiż illi l-KLR jikteb lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet u jitlob biex tissewwa din il-ħsara u jitneħħa l-periklu peress li diġa' ktibna lill-*Infrastruttura Malta* u dawn ma jridux jagħmluha għaliex ma taqax taħt ir- Ħsarat fid-Dwejra

responsabbilità tagħhom. Dan hu każ urġenti għaliex f'dawn l-inħawi jkun hemm ħafna nies speċjalment nhar ta' Sibt u l-Ħadd.

54.04.04 Is-SE qara t-talba li saritlu bil-miktub mis-Sur Patrick Galea fejn talab illi l-garage li qed nużaw fil-basement tal-appartamenti 30 u 34 Triq Inguanez, jinkera lill-Kunsill Lokali tar-Rabat għal Eur900 fix-xahar peress li dan jinsab użat esklussivament minnu. Kien deċiż illi nibqgħu nużaw żewġ *parking spaces* li huma inklużi mal-kirja tal-appartamenti u jitneħħa kollox mil-garage u jitpoġġa fil-garage l-ieħor mikri tal-Familja Tanti. Garage ta' Patrick Galea

54.05 **Approvazzjoni tal-posti tal-gabbani/stalls/mwejjed tal-qubbajt għall-festa ta' San Martin tal-Baħrija**
**rija.** Posti tal-Baħrija

Kienet approvata l-lista tal-gabbani, l-istalls tal-logħob u l-imwejjed u s-siġġijiet għall-festa ta' San Martin tal-Baħrija li se ssir minn ġimgħa qabel nhara fit-13 ta' Novembru 2022. Din l-approvazzjoni teskludi talbiet ġodda minn sidien tal-kabbani oħrajn.

54.06 **Rapport ta' Evalwazzjoni ta' Offerta ta' General Hand** General Hand

Ir-rapport ta' Evalwazzjoni tal-offerta baqa' ma ingħatax lill-Kunsill Lokali tar-Rabat miċ-Ċerpersin

54.07 **Programm ta' attivitajiet: Fashion Show u dawk tal-Milied** Fashion Show u Programm tal-Milied

Dwar il-*Fashion Show* il-Kunsill Lokali tar-Rabat kien aġġornat mis-SE fl-assenza tal-Kunsillier, is-Sa Janice Busuttil.

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-KLR illi l-Kunsill Lokali tar-Rabat se jkun qed jibbenefika minn madwar €30,000 biex itella' l-**attivitajiet tal-Milied** 2022 mill-iskema lokali tad-Dipartiment Gvern Lokali. Peress li l-proposta tal-presepju fil-Pjazza tal-Parroċċa bit-tappijiet kienet komunikata wara li ddaħħlet l-applikazzjoni, is-SE kien mitlub sabiex jikkomunika mas-Sa Marthese Borda biex naraw x'tinħtieġ il-Parroċċa sabiex taħtu jittella' scaffolding.

54.08 **Aġġornament tal-każijiet tal-Qorti: Gasan Mamo, Elmo Insurance, Mandat ta' Inibizzjoni tal-Baħrija u każ Raphael Carabott**

Nhar l-24 ta' Ottubru is-SE u s-Sa Roberta Galea huma msejjħa biex jixhdu fis-seduta l-Qorti dwar il-każ Raphael Carabott kontra Pawlu Tanti. Il-każ ta' *Gasan Mamo insurance* irid jinqata' billi tkun dikjarata illi Vjal il-Ħaddiem fejn seħħ l-aċċident fuq il-vettura, hijiex triq distributorja. Dwar il-każ tal-Elmo Insurance se nerġgħu nirrikorru għand l-Avukat Sladden.

54.09 **Aġġornament tax-xogħlijiet fil-Muniċipju: 8, Triq l-Isptar** Xogħlijiet ta' Kostruzzjoni fil-Muniċipju

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa illi x-xogħlijiet ta' *propping* tas-sit 8, Triq l-Isptar issa hu wieqaf għal kollox. Madankollu hu kellem lid-Direttur tas-Cieffe, u dan se jiltaqa' magħna propju il-Ġimgħa, 21 ta' Ottubru biex jitkellem dwar kif se jibda' t-twaqqiegħ – il-pass li jmiss.

54.10 **Petizzjoni: Residenti ta' Triq ir-Repubblika/Cosmana Navarra dwar xogħlijiet ta' Infrastruttura Malta** Triq Cosmana Navarra U Triq il-Kbira

Saret referenza għas-sit fejn qed isir l-iċċangar bil-madum tal-lava fi Triq Cosmana Navarra bejn iz-zuntier u Triq il-Kbira. Issemmiet il-laqgħa li għaliha attendew ukoll dawk li kienu ffirmaw il-petizzjoni sabiex din il-parti tibqa' tale quale (jiġifieri il-parkeġġi jibqgħu hemm). Kien deċiż b'mod unanimu illi ssir *un/loading for residents* għal 25 minuta fi Triq Cosmana Navarra u oħra fi Triq San Franġisk.

Kien deċiż illi nagħmlu l-proposta illi l-wires tad-dawl u l-wires tat-telefon jgħaddu minn taħt l-art. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus semma illi hemm ċans kbir illi l-Gvern Ċentrali jaqla' l-mejnijiet tal-ilma ta' Triq il-Kbira, flimkien mal-bankini u l-wiċċ tat-triq. Għal din il-proposta l-kunsillieri qablu illi x-xogħol jibda' wara l-Milied biex ma ntellfux il-kummerċ.

54.11 **Talba għal kumpens fuq ħsarat ta' vetturi (Mary Rose Micallef), (Richard Sofia) u rota (Gordon Howe)** Talbiet għall-kumpens

Dawn l-ittri għal kumpens kienu ttrattati bir-reqqa kollha u ġew esebiti fuq googlemaps is-siti fejn

ittieħdu r-ritratti. Peress li ir-rapporti saru tard fl-Għassa tal-Pulizija, il-Kunsill Lokali tar-Rabat ma setgħax jaċċettahom. Dwar it-talba ta' Mary Rose Micallef, is-Sur Chris Farrugia iddikjara konflitt ta' nteress u ħareġ 'il barra. Dak li seħħ f'Ħal Bajjada fuq bankina il-KLR ħass li kienet veru improbabbli li jiġri li ġara, sewwa sew anke fuq dak tat-tyre tar-rota kien ukoll improbabbli li seħħ fuq grada tax-xita li hija (across the road). Dan għaliex ma jista' jidħol ir-rim tar-rota tas-Sur G Howe fuq grada li ssir matul il-wisgħa tat-triq. Dwar ir-rapport tas-Sur Sofia, dan daħal snin tard fil-Kunsill.

54.12 **Punti Oħra**

54.12.01 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq id-diffikultajiet li għandna bit-tpoġġija tal-imwejjed u s-siġġijiet, li qed ikunu approvati mill-*Malta Tourism Authority* lil tal-ħwienet. Hu qal illi mhux sew illi dawn mhux qed jikkonsultawna u nqumu filgħodu u nsibu xi gaġġa fuq pjattaforma quddiem xi ħanut li tikkonsma żewġ parkeġġi utli fiċ-ċentru tar-Rabat. Hu qal illi dan il-punt għandu jkun diskuss fir-riforma tal-Kunsilli Lokali. Imwejjed u siġġijiet

54.12.02 Is-Sur Rodolf Grima talab illi jissewwa spakxin quddiem Collins Stationery fi Triq Santa Rita peress li dan għola 'l fuq u qed jitfixklu n-nies fih. Manutenzjoni

54.12.03 Is-Sur Sandro Craus tkellem fuq spakxin ieħor li qed iħabbat ftit 'l bogħod mill-pompa tal-petrol fi Triq Nikola Saura. Manutenzjoni

54.12.04 Is-Sur Sandro Craus talab li jissewwa wkoll spakxin ieħor kważi quddiem il-Grotto Restaurant fil-Pjazza tal-Parroċċa għaliex dan ukoll għola 'l fuq u qed jitfixklu fih in-nies. Manutenzjoni

54.12.05 Is-Sa Doris Coleiro talbet sabiex jissewwew kemm l-isprall kif ukoll il-kurduna li tgħawwġu u tkissru bit-traffiku goff rispettivament fi Triq San Piju V kantuniera ma' Triq Gorg Borg Olivier. Manutenzjoni

54.12.06 Is-Sur Chris Farrugia talab illi tissewwa l-kurdina u l-bankina imkissra fi Triq San Publiju kantuniera ma' Triq Santa Marija. Manutenzjoni

54.12.07 Il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti kien talab illi ssir tabella tal-one-way fi Triq Bir Iljun fejn il-ġnien biex ma jibqgħux jidħlu l-vetturi u jeħlu fejn tidjieq it-triq. Tabella

54.12.08 Is-Sur Norbert Grech talab illi temporanjament jintrama' scaffolding f'52 Triq Inguanez biex is-sid isewwi gallarija u hemm il-bżonn li matul dan il-perjodu jitneħħa parkeġġ biex tibqa' miftuħa t-triq. Scaffolding

54.13 Il-laqgħa ntemmet fid-9.00pm u dik li jmiss se ssir nhar id-9 ta' Novembru 2022 fis-6.00pm. Aġġornament

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati u ffirmati llum /11/22 minn Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Anthony Bonello